MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 26

Il-Ġimgħa 5 ta' Frar 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ġimgħa 5 ta' Frar 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa, li kienet qed tixxandar ukoll *live* fuq il-*website* tal-Kunsill, saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

26.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

26.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 25 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

26.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

26.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

26.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li l-Kunsill intalab għajnuna mir-residenti sabiex issir pressjoni mal-awtoritajiet u t-toroq il-ġodda fi Triq Ta' Rinota jiġu livellati u jsiru s-servizzi neċessarji. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

26.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li rċieva talba sabiex fi Sqaq Wied L-Għawdxija ssir manutenzjoni tal-wiċċ tal-isqaq kif ukoll reġa' ntalab aġġornament għall-ilment li kien tressaq minn resident rigward T/G fi Triq il-Qsajjem. Is-Sindu ssuġġerixxa sabiex isir komunikat mal-Perit tal-Kunsill u jekk ikun il-bżonn jittieħed parir legali dwar possibilita' ta' xogħlijiet f' dawn it-toroq. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

26.3.3 Is-Sindku nforma wkoll lill-membri li ħa sehem virtwalment fis-smigħ tas-seduta tal-bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex tiġi deċiża l-applikazzjoni numru PA/04587/20 li titratta twaqqigħ ta' bini eżistenti

fi Triq San Xmun u Triq Puniċi fix-Xlendi. Huwa qal li fl-intervent tiegħu waqt din is-seduta huwa ppreżenta żewġ punti fejn tenna li m'huwiex veritier li saret konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali dwar l-immaniġjar tat-traffiku hekk kif indikat mill-iżviluppatur, Kif ukoll tenna l-qbil mal-punt li tressaq mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi sabiex l-applikazzjoni tiġi rtirata u tiġi sottomessa applikazzjoni mhux biex isir twaqqigħ biss iżda applikazzjoni bil-proġett kollu nkluż x'bini se jsir f'dan is-sit. Is-Sindku nforma lill-membri li  għalkemm tqajjmu dawn il-punti mill-Kunsill u punti oħra minn entitajiet oħra, l-applikazzjoni xorta ġiet approvata mill-bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

26.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li ser issir laqgħa mas-Supretendent il-ġdid tal-Pulizija responsabbli mid-distrett t'Għawdex nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2021 ġewwa l-Kunsill Lokali fejn ser isemmi punti li jeħtieġu attenzjoni mill-Pulizija. Is-Sindku talab lill-membri sabiex jekk ikollhom xi punti li jridu l-attenzjoni tal-Pulizija jressquhom għall-attenzjoni tiegħu jew tal-Kunsill.

26.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li ser issir laqgħa virtwali nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2021 mal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-proġett ta' restawr tal-ħitan tas-sejjieħ fl-inħawi ta' Triq ix-Xadba. Huwa informa lill-membri li l-Kunsill għadu qed jistenna l-*clearance* min-naħa ta' din l-awtorita' biex jinbeda dan il-proġett iżda l-awtorita' għandha xi riżervi dwar xi ħitan tal-kantun li hemm preżentament.

26.3.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għadu qed jistenna l-eżitu tal-evalwazzjoni għall-applikazzjoni ta' fondi ewropej tal-proġett sottomess mal-Gozo Action Group Foundation biex isir xogħol ta' tisbieħ fi Triq L-Isqawi u Triq it-Tempju Megalitiku.

26.3.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li tneħħew id-*double yellow lines* li kienu saru proviżorji sakemm jitlesta x-xogħol ta' bini ta' blokk appartamenti fi Triq Puniċi fix-Xlendi.

## 26.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

26.4.1 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil ressaq suġġeriment sabiex tiddawwal aktar iż-żona tal-moll u l-i*slipway* fix-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ser tiġi diskussa aktar 'il quddiem minħabba li l-Kunsill irċieva lment minn resident dwar l-istess suġġeriment.

26.4.2 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi staqsa dwar il-proġett ta' tisbieħ tal-Pjazza tal-Knisja. Is-Sindku wieġeb li ser jagħti d-dettalji kollha fl-*item* li jmiss fuq l-aġenda.

26.4.3 Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard ġibdet l-attenzjoni biex isir xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix madwar it-toroq tar-raħal speċjalment Triq il-Kalkara tal-Ġir, kif ukoll biex isir xogħol ta' *patching* fi Triq ix-Xadba. Is-Sindku wieġeb li f'Diċembru sar xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix mill-ħaddiema tal-Kunsill madwar it-toroq tar-raħal. Kien hemm qbil mill-membri li jsir xogħol ta' *patching* fi Triq ix-Xadba kif ukoll xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix fi Triq il-Kalkara tal-Ġir jekk dan ma sarx minħabba li din it-triq tinsab fil-periferija tar-raħal.

## 26.5 Proġett Pjazza tal-Knisja;

26.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, informa lill-membri li l-Kunsill ippubblika s-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' tisbieħ fi Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar 2021 u ser tagħlaq nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu 2021. Huwa qal li din is-sejħa ġiet ukoll riveduta mid-direttorat ta' EcoGozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex qabel ġiet ippubblikata. Is-Sindku qal li eventwalment irid jinħatar bord ta' evalwazzjoni u ssuġġerixxa sabiex dan ikun kompost mis-Sur William Sultana, mill-Perit Robert Grech u mill-Inġinier Mario Cauchi bħala l-evalwaturi filwaqt li s-Segretarju tal-Kunsill u s-Sindku bħala segretarju u *chairman* tal-bord rispettivament. Huwa qal ukoll li jkun hemm rappreżentant mill-Ministeru Għal Għawdex bħala osservatur. Kien hemm qbil dwar dan.

26.5.2 Ix-xogħol ta' tisbieħ ser jinkludi pavimentar ġdid fil-parti ta' fuq tal-pjazza bi tlett tipi ta' materjal, dwal dekorattiv, bini ta' ġibjun bi tlett kompartamenti, żewġ funtani, siġar indiġeni b'sistema ta' irrigazzjoni u għamara ġdida li tinkludi bankijiet, *planters* u *bins* fost oħrajn.

26.5.3 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill għandu obligi li jirrispetta skadenzi relatati ma' dan il-proġett fosthom li jsir ix-xogħol ta' rilokazzjoni tas-siġar eżistenti tal-pjazza sal-aħħar ta' Marzu 2021 u jlesti l-proġett kollu ta' tisbieħ sal-aħħar ta' Diċembru 2021.

26.5.4 Is-Sindku għarraf ukoll lill-membri li skont is-sejħa għall-offerti ser issir laqgħa fil-pjazza mal-Perit tal-proġett għal dawk l-offerenti kollha interessati fil-proġett u jkollhom xi mistoqsijiet jew jixtiequ xi kjarifika fuq is-sejħa nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2021 fid-9.30 ta' filgħodu.

## 26.6 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti:

26.6.1 MXR/03/2020 - *Works Tender For The Restoration Of Rubble Walls At Various Locations In Munxar, Gozo*.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-5 ta' Jannar 2021. Kien hemm erba' offerti :
Eson - €54,750.00
George Vella - €58,209.00
Construction Services - €53,910.00
Jason Gauci - €60,810.00
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lit-tieni l-orħos offerent (Eson) minħabba li l-orħos offerent (Construction Services) ma kienx konformi mar-rekwiżiti amministrattivi. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u rrapport ġie approvat.

26.6.2 MXR/04/2020 - *Call for Quotations for the uprooting and replanting of nine Ficus Trees at Munxar*.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-5 ta' Jannar 2021. Kien hemm sitt offerti :
Eson - €9,000.00
E.C. Municipals - €9,752.00
Xerri's Landscaping Co. Ltd - €12,834.00
Peter Paul Said - €8,490.00
The A Parks Ltd - €29,000.00
George Vella - €7,800.00
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-orħos offerent (George Vella) li kien konformi mar-rekwiżiti. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u rrapport ġie approvat.

## 26.7 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;

26.7.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-kuntratt tax-xogħlijiet mal-kuntrattur ġie estiż b'xahrejn wara rakkommandazzjoni tal-Perit tal-proġett u bi qbil tal-membri fil-laqgħa ta' qabel.

26.7.2 Rigward ix-xogħlijiet interni fuq it-torri tax-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għadu jistenna li jirċievi d-dokumenti kollha mingħand il-Perit sabiex tinħareġ is-sejħa għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet.

26.7.3 Is-Sindku informa lill-membri li wara reviżjoni tax-xogħlijiet meħtieġa mill-kuntrattur u mill-Perit, il-Perit tal-Kunsill fuq il-proġett ressaq rapport u stima ġdida tal-kwantitajiet li jinkludu xi varjazzjonijiet sabiex jiġu approvati mill-Kunsill u mill-awtoritajiet konċernati. L-istima tal-valur finali tax-xogħlijiet rivetduti mistennija jkunu 9.83% anqas mill-kuntratt iffirmat. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill fuq dan ir-rapport tekniku iddikjarat mill-Perit sabiex jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tiegħu qabel ma jsir addendum tal-kuntratt li jirrifletti dawn il-varjazzjonijiet.

26.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-kuntrattur talab sabiex mill-aħħar kont imkejjel ma jitnaqqasx l-ammont ta' rkupru tal-ħlas bil-quddiem għar-raġuni li l-kont imkejjel kien relattivament baxx. Kien hemm qbil mill-membri sabiex japplikaw klawsola 44.8(ii) tal-kundizzjonijiet speċjali tas-sejħa għall-offerti u tintlaqa' din it-talba għal dan il-kont imsemmi biss.

## 26.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

26.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li skont il-kuntratt "Tender for the Services of an Architect (Local Council Projects), Il-Munxar, Gozo MXR/001/2017", dan irid jiġġedded għal sena oħra jew mod ieħor. Kien hemm qbil mill-membri li jsir it-tiġdid tal-kuntratt tal-Perit Robert Grech għal sena oħra.

26.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar ktieb li ġie ppubblikat mis-Sur Euchar Mizzi bl-isem "Qtar il-Għasel" u li qiegħed għall-bejgħ għall-prezz ta' €10 sabiex ikun hemm kopja fil-libreriji tal-lokalita'. Minħabba li l-Kunsill m'għandux librerija taħt ir-responsabilita' tiegħu,

kien hemm qbil mill-membri li ma jiġix akkwistat dan il-ktieb. Dwar librerija fil-lokalita' kien propost mill-membri sabiex issir waħda żgħira fit-*telephone box* ta' Triq San Pawl, jekk il-Kunsill iġib il-permessi neċessarji, jew inkella ssir waħda fil-pjazza jew fil-*playingfield*. Kien hemm qbil dwar dan.

26.8.3 Il-Kunsill irċieva notifika minn Transport Malta għal talba li rċevew biex issir *disabled parking bay* f'tarf Triq il-Kantra. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u nnota li din it-talba kienet diġa' tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill mill-individwu nnifsu.

26.8.4 Il-Kunsill irċieva suġġeriment sabiex it-toqob tal-arbli tal-festa ta' Triq Tarsus jinigħalqu b'tappieri tal-ħadid. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stima li tammonta għal €320 mingħajr il-VAT. Kien hemm qbil mill-membri għal dan.

26.8.5 Il-Kunsill irċieva d-dikjarazzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet għall-applikazzjoni sottomessa, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li t-tlett toroq il-ġodda fi Triq Ta' Rinota m'humiex proprjeta' tal-Gvern. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li din l-informazzjoni bagħtha għall-attenzjoni tal-Kumitat Għat-Tismija tat-Toroq. Il-Kunsill innota dan.

26.8.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'komunikat dwar *site visits* li ser isiru bħala parti mill-preparamenti għall-istrateġija tal-informatika biex isir titjib fl-infrastruttura tan-*networks* tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.8.7 DLG Ċirkulari 01/2021 – Għeluq tas-sena finanzjarja 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.8.8 DLG case 18/2021 – Talba għall-Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2021. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill sabiex issir din it-talba biex il-Kunsill jingħata dawn il-fondi.

26.8.9 SPI.SCI.2.2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jingħata aktar informazzjoni dwar x'*budget* hemm allokat għal kull proġett u skont ir-risposta li l-Kunsill jirċievi ssir applikazzjoni biex possibilment fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina jsiru *gates* tal-ħadid fl-entraturi, librerija żgħira,

manutenzjoni tat-tapit eżistenti, dwal ġodda u manutenzjoni fil-latrina pubblika.

26.8.10 SPI.SCI.3.2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi ssottomessa applikazzjoni biex issir attivita' fi żmien il-Milied bi speranza li s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-COVID 19 tkun għaddiet.

26.8.11 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin għaċ-ċerimonja li ser jorganizzaw fil-Knisja Parrokjali f'għeluq l-10 anniversarju mit-twaqqif tagħhom. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li rringrazzja lill-membri tas-sezzjoni għal din l-istedina.

26.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2021/003 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 41. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2021/004 – Calypso Radio Outside Broadcasts. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2021/005 – Taħriġ: Women in Leadership Level 6. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2021/006 – Unpaid internship Looking for a placement. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.8.16 Ċirkulari Nru AKL 2021/007 – Webinar: Financial Regulation 20/01/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2021/008 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali / Lokali fl-'Earth Hour' 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2021/009 – Attivitajiet Fondi LESA għas-sena 2020/2021. Il-Kunsill diġa' kien għamel użu minn dawn il-fondi.

26.8.19 Ċirkulari Nru AKL 2021/010 – Malta Epilepsy Day. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2021/011 – Webinar: GDPR for DPO's and GDPR for Local Government. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.8.21 Ilment 05/2021

Jitlob sabiex il-Kunsill jinstalla mera tat-traffiku fi Triq ix-Xlendi minħabba li meta jkun nieżel mill-passaġġ li jagħti għal ġo l-għelieqi ma jarax il-vetturi li jiġu minn isfel ta' Triq ix-Xlendi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi lil Transport Malta minħabba li dik hija triq arterjali.

26.8.22 Ilment 06/2021

Jitlob sabiex li titmexxa bozza LED minn arbalu għal ieħor ftit metri 'il bogħod fi Triq ta' Luvier. Ġie deċiż mill-membri sabiex jiġi kkonsultat ir-resident li oriġinarjament kien talab għall-bozza biex issir f'dak il-post. Jekk ma jkunx hemm diffikulta minnu, il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

26.8.23 Ilment 07/2021

Jitlob sabiex għatba li hemm preżentament fuq il-bankina ħdejn ir-residenza tiegħu fi Triq ir-Ranċiż fix-Xlendi titneħħa u ssir rampa sabiex ikun jista' jagħmel użu mill-bankina bis-siġġu tar-roti. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

26.8.24 Ilment 08/2021

Talba sabiex titmexxa bozza fil-bidu ta' Triq Sant'Anjeże fil-Munxar ma' arblu ġdid li twaħħal apposta. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

26.8.25 Ilment 09/2021

Jitlob sabiex issir *disabled parking bay* ħdejn ir-residenza tiegħu fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fil-Munxar bejn iż-żewġ garaxxijiet tiegħu. Ma kienx hemm qbil dwar din it-talba minħabba li skont il-proċeduri ta' Transport Malta min ikollu garaxx mar-residenza tiegħu mhux intitolat għal dan il-parkeġġ riservat.

26.8.26 Ilment 10/2021

Titlob sabiex tiġi rilokata d-*disabled parking bay* li tinsab fi Triq ir-Ranċiż k/m Triq iż-Żirżieb minħabba li ser isir żvilupp f'dik il-kantuniera. Ġie deċiż mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta biex jiġi deċiż fejn l-aħjar li tiġi rilokata.

26.8.27 Ilment 11/2021
Il-Pulizija tax-Xlendi qed jissuġġerixxu sabiex titmexxa bozza LED fi Triq Sant'Indrija fix-Xlendi u teħel mal-faċċata tal-Għassa tal-Pulizija. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

26.8.28 Ilment 12/2021
Jitlob sabiex jiddawwal aktar il-moll u l-i*slipway* tax-Xlendi minħabba periklu u nuqqas ta' dawl. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi nstallata *spotlight* biex tiddawwal dik iż-żona.
Jitlob sabiex jiġu rilokati t-tabelli li hemm fuq il-moll minħabba li qed jostakolaw il-passaġġ. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lil Transport Malta.
Jitlob sabiex rampa li hemm mis-slipway għal fuq il-moll issir tarġa għax hija ta' periklu. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

26.8.29 Ilment 13/2021
Titlob sabiex tiġi nstallata bozza LED ġdida ma' arblu fi Triq it-Torri fix-Xlendi minħabba nuqqas ta' dawl. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lil Enemalta biex jiprovdu l-arblu filwaqt li l-Kunsill jixtri u jinstalla l-bozza, f'kas li l-Enemalta ma tiprovdix l-arblu, il-bozza teħel mal-faċċata tal-apartament.
Titlob sabiex il-*bus stop* li hemm fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi titmexxa għal ftit metri 'l isfel. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din timxi bi ftit metri biss minħabba li hemm *bus stop* oħra fi Triq il-Qsajjem k/m Triq San Xmun.

## 26.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

26.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 26/2021-8 għall-perjodu bejn il-15 ta'Jannar 2021 u l-5 ta' Frar 2021 li tammonta għal €26,191.07 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard kienet il-proponent filwaqt li l-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis s-sekondant.

## 26.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

26.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 11 ta' Marzu 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv